# 87. Fl-Arċipielgu ta’ Sweden

Miexi bil-lanċa
f’ta’ Sweden l-Arċipielgu,
qalb is-seħer tal-gżejjer
miżgħuda bis-siġar,
festa ta’ blu u aħdar!

Kieku l-ferħ kellu l-ġwienaħ
nitla’ bil-lanċa b’kollox
fis-sema,
qalb il-gżejjer tas-sħab,
- festa ta’ blu u abjad -
infittex
dak li tixtieq qalbi.

Le, le, qalbi toħlomx,
’mma tgħaxxaq
bis-seħer ta’ dal-baħar,
iffriska
bir-raxx li qed jittajjar
fuq wiċċi,
tbandal mat-tranja
ta’ għadd bla għadd ta’ dgħajjes,
u mal-qlugħ abjad tagħhom
flimkien mal-gawwi
mur lejn tal-port il-marbat
u strieħ u orqod
fil-kwiet, fis-sliem.

26/8/1973